# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 3



Mitt sena ilu, f'Fatima, Marija ġiet u sejħet lilha nfisha bħala s-Sinjura tar-Rużarju Mqaddes. F'idejha kellha Kuruna tar-Rużarju. Mit-tfal talbet li jirreċitaw ir-Rużarju. Wara storja ta' sekli shah li ilu jeżisti r-Rużarju, Marija ma qaltilniex biex inbiddlu d-diska għax din issa qdiemet, jew għax xebgħet minnha. Għall-kuntrarju, talbitna nibqgħu nirreċitaw din it-talba hekk devota u hekk għażiża. Iva, lil Marija r-Rużarju jogħġobha u jogħġobha wisq.

Ir-Rużarju ta' Marija! Imma daqskemm huwa ta' Marija, r-Rużarju huwa ta' Ġesù. F'kull Ave Marija nsellmu lil dan il-'Frott tal-ġuf tagħha, Ġesù!'. Il-Papa San Ġwanni Pawlu II jgħid li kull Ave Marija donnha li ddur bħal madwar punt ċentrali, u x'inhu dan il-punt ċentrali? Huwa l-isem ta' Ġesù.

Il-qaddis Papa Pawlu VI igħid li l- kontemplazzjoni tal-misteri jagħmlu mir-Rużarju Vanġelu manwali.

**Fid-dehra tar-Rebbiegħa 1916, l-Anġlu għallem lit-tfal ta' Fatima din it-talba:**

**"O Alla tiegħi, jiena nemmen fik, jien nadurak, jien nittama fik u jien inħobbok. Nitolbok maħfra għal dawk kollha li ma jemmnux fik, li ma jadurawkx, li ma jittamawx fik u li ma jħobbukx".**

**Fir-Sajf 1916 huwa ħeġġiġhom joffru sagrifiċċji għat-tpattija tad-dnubiet u għall-konverzjoni tal-midinbin. Fil-Ħarifa 1916, l-Anġlu ġabilhom l-Ewkaristija u qabel ma qarbinhom, flimkien, qalu din it-talba għal 3 darbiet:**

**"O Tinità Qaddisa, Missier, Iben u Spirtu s-Santu, jien nadurak profondament u noffrilek il-Ġisem, id-Demm, ir-Ruħ u d-Divinità l-aktar prezzjużi ta' Ġesù Kristu, preżenti fit-tabernakli tad-dinja, bi tpattija għall-insulti, għas-sagrileġġi u għall-indifferenza li bihom Hu qed ikun offiż u biex niġbed il-merti nfiniti tal-Qalb l-Aktar Imqaddsa ta' Ġesù u l-Qalb Immakulata ta' Marija għall-konverżjoni tal-imsejkna midinbin".**

**nghidu spiss dawn it-talbiet.**

## OSSERVA XI KLIEM PERSWASSIV TA' SUOR LUĊIJA DOS SANTOS TA' FATIMA

**"Il-Verġni Mqaddsa, f'dawn l-aħħar żmenijiet tat qawwa ġdida lir-reċita tar-Rużarju, b'tali mod li m'hemm l-ebda problema, iebsa kemm hija iebsa, temporali u aktar u aktar spiritwali, fil-ħajja personali tagħna lkoll, tal-familji tagħna, u tal-familji tad-dinja, jew tal-komunitajiet reliġjużi, jew ukoll fil-ħajja tal-popli u nazzjonijiet, li ma jistgħux ikunu solvuti bir-Rużarju. M'hemm l-ebda problema, nghidlek, diffiċli kemm hija diffiċli, li ma tissolviex bir-reċita tar-Rużarju. Bir-Rużarju nsalvaw ruħna, inqaddsu lilna nfusna, nikkunslaw lill-Mulej u niksbu s-salvazzjoni ta' ħafna erwieħ."**

